# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 20 ta' Settembru 2024**

**Numru 1**

**Rikors Numru 414/2021TA**

**Alexei Zammit Douglas (KI 557175M)**
**vs**
**Avukat tal-Istat u b'digriet tal-11 ta' Novembru 2021 ġiet kjamata in kawża Lauraine Agius**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Alexei Zammit Douglas (ir-rikorrent) tal-14 ta' Ġunju 2021 li permezz tiegħu premetta u talab is-segwenti:

1. Illi permezz tal-kawza fl-ismijiet '*Alexei Zammit Douglas v. Lauraine Agius*' (Rik. Nru. 113/2015) prezentement pendenti quddiem l-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) l-esponenti qieghed jitlob, fost ohrajn, li huwa jkollu il-kura u kustodja esklussiva tal-minuri ibnu Edison Zammit Douglas ghar-ragunijiet kollha li jinsabu hemmhekk dettaljati.

2. Illi l-esponenti jinsab ukoll konvenut fil-kawza fl-ismijiet inversi ghal dik surreferita ossija '*Lauraine Agius v. Alexei Zammit Douglas*' (Rik.

Nru. 86/2015), prezentement ukoll pendenti quddiem l-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

3. Illi l-kawzi surreferiti jinsabu mexjin flimkien quddiem l-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

4. Illi nhar it-8 ta' Novembru, 2019 il-kawzi surreferiti gew regolarment differiti ghall-provi tal-esponenti u dan ghas-seduta sussegwenti tat-23 ta' Jannar, 2020 (kopja tal-verbali relattivi hawn annessi u mmarkati Dok. 'A' u 'A1').

5. Illi waqt l-istess seduta tat-23 ta' Jannar, 2020 l-esponenti kien qieghed iwettaq regolarment il-kontro-ezami tieghu tal-kontro-parti fiz-zewg proceduri, senjatament Lauraine Agius. Tali kontro ezami kien qieghed isir seduta stante u dana in vista tad-diffikultajiet li kienu gew riskontrati sabiex il-kontro-parti Agius twiegeb id-domandi posti lilha in kontro-ezami quddiem l-Assistenta Gudizzjarja. Dawn il-kontro ezamijiet fil-fatt ma setghux ikomplu jsiru quddiem l-Assistenta Gudizzjarja proprju ghaliex il-kontro-parti Agius kienet qed tkun difficli biex twiegeb il-mistoqsijiet posti lilha.

6. Illi gara pero` li, waqt tali seduta, kif jinsab ukoll verbalizzat fl-atti l-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) l-istess Onorabbli Qorti jidher li ddeterminat li l-avukati tal-partijiet kienu qeghdin jinterrompuha, iddikjarat li rat l-atti u ddikjarat il-provi tal-partijiet maghluqa dana meta l-esponenti kien ghadu kif beda jwettaq l-ewwel kontro-ezami tieghu, kien baqaghlu jtella diversi xhieda u jressaq iktar provi. (kopja tal-verbali relattivi hawn annessi bhala Dok. 'B' u 'B1').

7. Illi sussegwentement ghal tali seduta l-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) baqghet tal-istess fehma u baqghet tirrifjuta li tikkoncedi lill-esponenti id-dritt fundamentali tieghu li jiddefendi ruhu fl-istess proceduri inkluz billi jwettaq il-kontro-ezamijiet kollha kif jinsab rikonoxxut u sancit kemm mill-art. 579 tal-**Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili** u kif ukoll mill-principji tal-gustizzja naturali u wkoll mid-dritt fundamentali tieghu.

8. Illi s-sitwazzjoni giet reza aktar difficli ghall-esponenti meta, minkejja dak deciz mill-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), il-kontro-parti fil-proceduri surreferiti thalliet tressaq allegazzjonijiet fil-konfront tal-esponenti fis-sens illi huwa kien wettaq abbuz ta' natura sesswali fuq ibnu stess. Bhala konsegwenza ta' tali allegazzjoni l-access tal-iben ghall-esponenti gie interrott hesrem u baqa' hekk interrott bil-minuri ma jkollu ebda kuntatt mal-esponenti ghal kwazi erba' xhur shah sakemm, fil-10 ta' Gunju, 2020, l-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ikkoncediet li l-access jerga` jibda jigi ezercitat b'mod virtwali (kopja tal-verbali relattivi hawn annessi u mmarkati Dok. 'C' u 'C1') u mbaghad fis-16 t'Ottubru, 2020, wara li l-allegazzjonijiet tal-kontro-parti Agius irrizultaw bhala kompletament foloz u fabbrikati minnha tramite l-ezitu tal-Inkjesta Magisterjali mibdija wara l-allegazzjonijiet

foloz taghha stess, l-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) provdiet li l-access tal-minuri ghal missieru jigi ripristinat (kopja tal-verbal relattiv hawn anness u mmarkat Dok. ‘D’ u ‘D1’).

9. Illi kieku s-surreferit ma kienx bizzejjed il-kontro-parti Agius thalliet tibqa’ tinsisti bil-gideb taghha – minghajr ebda possibilita` li l-esponenti jikxef il-verita` bl-istess bil-mezzi legali kollha koncessi lilu skont il-ligi - u dana billi tibqa’ tressaq allegazzjonijiet ulterjuri fil-konfront tal-esponenti fejn minkejja s-surreferit, hija din id-darba bidlet il-verzjoni taghha u sahansitra kompliet titlob li l-access tal-minuri ghal missieru jigi mwaqqaf in vista ta’ aspetti ohrajn li hija kompliet tallega fil-konfront tal-esponenti u r-relazzjoni tieghu ma’ ibnu.

10. Illi fil-frattemp l-esponenti baqa’ fl-impossibilita` li jiddefendi ruhu kif imiss fil-proceduri surreferiti u dana ghaliex baqa’ prekluz milli jwettaq il-kontro-ezamijiet kollha skont kif inhuwa d-dritt tieghu skont il-ligi, inkluz tal-kontro-parti Agius, tal-genituri taghha u tax-xhieda kollha mressqin minnha matul il-kors ta’ tali proceduri. Tramite tali kontro-ezamijiet kien jirrizulta kjarament l-interess ghal kollox malizjuz u l-mala fede assoluta li l-kontro-parti dejjem kellha kemm fil-konfront tal-esponenti imma wkoll fil-konfront ta’ binha stess. Effettivament il-kontro-parti Agius u kif ukoll ix-xhieda taghha kien ser ikollhom ferm ghal xiex iwiegbu tenut kont il-mod illi bih huma ghazlu li jimpustaw kontinwament dawn il-proceduri b’allegazzjonijiet konsistentement foloz fil-konfront tal-esponenti liema allegazzjonijiet gew ukoll imgiddbin mill-esperti mahtura mill-istess Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li, kull darba, irrapurtaw debitament u kkonkludew favur ir-relazzjoni eccellenti li l-esponenti ghandu ma’ ibnu u vici-versa. Ulterjorment, proprju minhabba l-allegazzjonijiet li saru u ghadhom isiru mill-kontro-parti Agius, minghajr mal-esponenti jista' jirrispondi ghalihom u minghajr ma l-kontro-parti Agius tkun kompletament investigata fuq l-ghagir taghha, huwa car li l-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ma tistax tiehu decizjoni nfurmata u gusta kif rikjest mid-dritt fundamentali tal-esponenti ghal smiegh xieraq imma wkoll kif mehtieg fl-ahjar interess tal-minuri. Huwa ghalhekk ukoll allura li hemm il-htiega li l-provi jingabru kollha u li l investigazzjoni fuq Agius titlesta.

11. Illi madanakollu jibqa’ l-fatt illi, bhala konsegwenza ta’ dak li gie arbitrarjament deciz mill-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kif hawn fuq riportat fit-23 ta’ Jannar, 2020, l-esponenti kien u ghadu qed jigi rez fl-impossibilita` li jwettaq tali kontro-ezamijiet u kwindi li jirrinfaccja lill-kontro-parti Agius u lix-xhieda taghha bi provi cari li jikxfu palezement il-mala fede u x-xhieda falza taghhom.

12. Illi huwa risaput li d-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq jesigi wkoll, fost ohrajn, li kull parti fil-proceduri tigi trattata b’mod ugwali u imparzjali skont proceduri li jassiguraw mhux biss teoretikament,

imma wkoll bill-fatti, il-gustizzja u t-trasparenza b'rispett assolut lejn il-htiega li tigi determinata il-verita`, il-verita` kollha u xejn izjed hlief il-verita`.

13. Illi huwa car li, kuntrarjament ghall-principji surreferiti, fil-proceduri surreferiti giet nieqsa il-qalba ta' dak kollu li ghandu jkun id-dritt tas-sewwa skont kif mehtieg mill-obbligu tal-Istat li jipprovdi smiegh xieraq lill-partijiet kollha fil-proceduri skont kif jinghad hawn fuq u dana billi b'mod mill-aktar arbitrarju l-esponenti ma thalliex ikompli jressaq il-provi tieghu proprju waqt seduta meta, kif jirrizulta mill-istess verbal, fiha huwa kien beda jwettaq il-kontro-ezami tal-kontro-parti Agius.

14. Illi avut rigward ghas-surreferit huwa kwindi car li fil-kaz hawn fuq indikat tali dritt fundamentali ma giex debitament rispettat u tutelat mill-Istat Malti u dana tenut kont ukoll tal-fatt li, skont il-fatti hawn fuq riportati, gew neqsin fil-proceduri imsemmija il-fiducja li kull parti ghandu jkollha fil-gestjoni mill-Onorabbli Qorti adita sabiex tisma' u tiddeciedi l-kaz taghha.

15. Illi konsegwentement ghas-surreferit huwa car li, in linea mas-surreferit, ir-rikorrenti huwa intitolat ghar-rimedju gust u opportun tenut kont il-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu.

Ghaldaqstant l-esponenti qieghed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja dawk id-dikjarazzjonijiet u/jew ordnijiet kollha necessarji u/jew opportuni,

(i) tiddikjara li, bil-fatti hawn esposti, gew vjolati d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghall-smiegh xieraq skont kif kif protetti kemm mill-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u kif ukoll mill-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta rispettivament, u konsegwentement

(ii) tipprovdi ghar-rimedju opportun inkluz billi tipprovdi ghall-mezzi legali u gudizzjarji sabiex l-esponenti ikun jista' jwettaq il-kontro-ezamijiet tieghu u jkompli jressaq il-provi tieghu fil-proceduri surreferiti u wkoll jekk ikun il-kaz li l-intimat ghan-nom tal-Istat Malti jaddivjeni ghal-likwidazzjoni u hlas tal-kumpens jew 'just satisfaction' dovut lir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-fatti kollha surreferit u wkoll li jaghmel dak kollu mehtieg skont il-ligi sabiex tigi spurgata il-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-esponenti hawn lamentata inkluz billi jigu eventwalment dikjarati nulli l-atti kollha tal-kawzi fl-ismijiet surreferiti u wkoll l-atti kollha relattivi u konsegwenti ghall-istess sakemm tali lezjoni ma tigix debitament spurgata.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess intimat.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat (l-intimat Avukat) tad-9 ta' Lulju 2021 li permezz tiegħu wieġeb is-segwenti:

1. Illi preliminarjament sabiex il-ġudizzju jkun integru, l-esponent jirriżerva wkoll illi jitlob il-**kjamata in kawża tal-omm** u ċioe' Lauraine Aguis u dan għaliex hija tista' tiġi affettwata mill-eventwali deċiżjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti jekk dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' t-talba tar-rikorrenti u terġa' tordna l-ftuħ tal-provi quddiem il-Qorti tal-Familja fil-proċeduri li minnhom qiegħed jilmenta r-rikorrent;

2. Illi inoltre, l-esponent jeċċepixxi l-**intempestivita'** tal-proċeduri odjerni *stante* illi r-rikorrent għandu **r-rimedju ordinarju effettiv** li jappella mid-digriet mogħti mill-Qorti tal-Familja fil-23 ta' Jannar 2020, liema rimedju ordinarju r-rikorrent ma utilizzax. Illi jsegwi għalhekk illi ladarba r-rikorrenti għandu l-fakolta' illi jappella mill-pronunzjament tal-Onorabbli Qorti fil-verbal tat-23 ta' Jannar 2020, ma jistax juża l-fakulta' ta' proċeduri kostituzzjonali sabiex donnu jagħmel appell minn din id-deċiżjoni. Mhijiex il-mansjoni ta' dina l-Qorti illi taġixxi ta' qorti ta' reviżjoni mid-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Familja. Billi għalhekk ir-rikorrent kellu f'idejh rimedji ordinarji biex jindirizzaw l-ilmenti tiegħu, huwa l-każ li din l-Onorabbli Qorti toqgħod lura milli tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha skont **l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi safejn l-ilment tar-rikorrent jinsab magħmul abbażi tal-**artikolu 6**, jingħad illi sabiex id-dritt ta' smigħ xieraq jiġi ddikjarat li gie lez, huwa xieraq li l-proċeduri jridu jiġu kkunsidrati **b'mod sħiħ**. Kull każ irid jiġi kkunsidrat fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku; u kull każ għandu jiġi studjat skont il-fattispeċji tiegħu. Illi l-qrati moghnija b'setgha kostituzzjonali u konvenzjonali ma ghandhomx jigu mibdula f'qrati tat-tielet jew raba' istanza izda dawn il-qrati huma moghtija s-setgha li, f'kaz ta' ilment dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna ghal smigh xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgiba ta' kull awtorita' gudikanti ohra, imqar jekk tkun wahda gerarkikament oghla minnha. Izda dina s-setgha wiesgha hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ma ghandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigh xieraq ikkommettewx zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet taghhom (ara **Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et** deciza fit-2 ta' Ottubur 2001). Hija setgha limitata biex tqis jekk il-procediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq kienx tassew wiehed imparzjali u 'skond il-ligi' (ara **Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija** et deciza fit-28 ta' Dicembru 2001);

   Illi b'żieda ma' dan, xieraq li jiġi enfasizzat li kif jidher mill-verbali annessi mar-rikors in risposta, il-Qorti tal-Familja fl-ebda mument ma waqqfet lir-rikorrenti milli jippreżenta rikorsi sabiex jaghmel tentattiv jirrevoka d-

digriet tat-23 ta' Jannar 2020 u eventwalment jappella minn kwalsiasi digriet sussgwenti ta' dik il-Qorti, u għalhekk ir-rikorrenti ma jistax jilmenta li d-dritt għal smigħ xieraq ġie mittiefes;

4. Illi inoltre', kif jidher mill-premessi fir-rikors in risposta u mill-verbali annessi mar-rikors in risposta, wara li l-Qorti tal-Familja ddikjarat il-provi magħluqin, l-ebda parti ma tħalliet terġa' tressaq provi ulterjuri bir-riżultat illi **ma kienx hemm leżjoni tal-prinċipju ta' equality of arms**;

5. Illi mill-fatti posti mir-rikorrent, jidher illi l-Qorti mxiet strettament **skont id-dettami tal-Kodiċi Ċivili**, u aġixxiet dejjem fl-interess suprem tat-tfal minuri u wara li qieset bir-reqqa ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u għalhekk m'għandux jirrizulta ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li jirrigwarda d-dritt tar-rikorrent għal smiegħ xieraq;

6. Illi fil-kamp tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) wieħed irid jifhem in-natura straordinarja ta' ċertu ġeneru ta' kawżi, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw tfal minuri f'kawżi fejn il-ġenituri ma jibqgħux flimkien. Il-Qorti tal-Familja għandha l-fakulta' u l-obbligu illi tieħu deċiżjonijiet **fl-aħjar interessi tal-ulied** u dana skont iċ-ċirkostanzi li jkollha quddiemha. Illi fil-kawża bir-rikors numru 194/2011 deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar il-11 ta' Diċembru 2012, il-Qorti kkunsidrat:

> "One of the most enlightening works which the Court identified on the subject under discussion is the publication entitled "A Judge's Guide – Making Child Centred Decisions in Custory Cases" published by the American Bar Association – Child Custory and Adoption Pro Bono Project, Second Edition (2008). In their introduction the editors succintly depict in real terms the scenario facing the courts in similar cases: "**Child custody and visitation disputes are among the most difficult for judges to decide. These disputes entail complex legal, social, cultural, economic, mental health and related issues**. They require judges to predict likely future behaviour and outcomes, rely increasinly on competing expert testimony, and ultimately depend upon a broad, indeterminate standard of the 'best interest of the child'". The best interest' standard demands that courts decide cases in a way that ensures the well-being of children." (enfasi miżjud);

7. Illi dato ma non concesso illi dina l-Onorabbli Qorti ssib li hemm xi żvantaġġ fil-mod ta' kif ir-rikorrenti tħalla jippreżenta l-każ tiegħu, jiġi eċċepit illi jeżisti **għan leġittimu** wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Familja, u

ċioe' dak illi fid-deċiżjoni tagħha tħares dejjem l-ewwel u qabel kollox l-aħjar interessi tal-ulied. Illi l-artikolu 47 tal-Kodiċi Ċivili jagħti s-setgħa lill-Qorti tal-Familja li tagħti **dawk l-ordnijiet dwar min jieħu ħsieb it-tfal kif jidhrilha xieraq** u l-liġi teżiġi li meta tkun qed tagħmel hekk, il-Qorti għandha tqis bħala l-iktar konsiderazzjoni importanti l-ġid tal-ulied. Għalhekk l-ordnijiet kollha tal-Qorti ġew maħruġa wara li l-Imħallef qies iċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li, fid-diskrezzjoni u fl-għerf tiegħu ra x'inhu l-aħjar għall-minuri f'dak l-istadju. Illi l-effetti tad-deċiżjoni **ma jistax jingħad illi huma sproporzjonali** mat-twettiq ta' dan l-għan leġittimu;

8. Illi fl-aħħarnett l-esponent jissottometti illi jekk dina l-Onorabbli Qorti ssib leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, **m'hemmx lok illi jiġi likwidat kumpens** iżda dikjarazzjoni tal-leżjoni għandha tkun suffiċjenti f'dan il-każ;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt ġjaladarba r-rikorrent ma soffra l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

Rat ir-risposta tal-kjamata in Kawża Lauraine Agius (l-intimata) tas-17 ta' Jannar 2022 li biha wieġbet is-segwenti:

1. Illi primarjament dana r-rikors ta' Alexei Zammit Douglas gie intavolat merament gurnata qabel ma inghataw is-sentenzi fil-kawzi Zammit Douglas Alexei vs Agius Lauraine (113/15 AGV) u Agius Lauraine vs Zammit Douglas Alexei (86/15 AGV), li kienu mexjini kontestwalemnt, u cioe' dana r-rikors gie intavolat fl-14 ta' Gunju 2021 mentri s-sentenzi fil-kawzi msemmija nghataw fil-15 ta' Gunju 2021. Illi mis-sentenzi li nghataw, Alexei Zammit Douglas intavola zewgt appelli, wiehed minn kull sentenza, liema appell ghadu sub judice, filwaqt illi l-eccipjenti ssusegwentament wara li giet innotifikata bir-rikorsi ta' l-appell ta' Alexei Zammit Douglas intavolat appell incidentali mar-risposti taghha. Illi, wahda mir-rikorsi ta' l-appell ta' Alexei Zammit Douglas, ghax iz-zewgt rikorsi ta' l-appell huma l-istess, qeghda tigi annessa mar-risposta odjerna u mmarkat bhala **Dok LA1** u wahda (ghax ukoll it-tnejn li huma huma l-istess) mir-risposti ta' l-eccipjenti li tinkludi l-appelli incidentali qeghda tigi ukoll annessa u mmarkata bhala **Dok LA2**. Illi kif wiehed jista' jara wahda mill-aggravji ta' l-appell ta' Alexei Zammit Douglas huwa propja propja l-allegazzjoni tieghu illi l-provi "tieghu" gew iddikjarati maghluqa u fil-fatt hemm appell mid-digriet ta' l-Ewwel Qorti tat-23 ta' Jannar 2020. Illi ghalhekk kif gustament qal l-Avukat ta' l-Istat fir-risposta

tieghu tad-9 ta' Lulju 2021, r-rikors kostituzzjonali ta' Alexei Zammit Douglas huwa intempestiv ghaliex mhux biss ma fittix r-rimedju ordinarju effettiv, izda waqt li qieghd fil-process tar-rimedju ordinarju, ossia, l-appell li ghadu subjudice, intavola dana r-rikors intempestivament.

2. Illi mhuwiex minnu dak li qieghed jigi allegat fir-rikors ta' Alexei Zammit Douglas, illi l-Ewwel Qorti qabbdet u ghalqet il-provi hesrem. Ir-rikorrent, Alexei Zammit Douglas qieghed jallega illi l-Ewwel Qorti qabdet u ddikjarat il-provi maghluqa minhabba l-imgieba ta' l-avukati tal-partijiet. Izda dan mhux minnu u r-rikorrenti mhux biss kien ekonomiku mal-verita' izda qieghed jipprova jizvija l-Qorti mill-fatti sew sew kif graw.

3. Illi l-kawzi fuq imsemmija, ossia, **Zammit Douglas Alexei vs Agius Lauraine (113/15 AGV)** u **Agius Lauraine vs Zammit Douglas Alexei (86/15 AGV)** kienu mexjin kontestwalemnt, u permezz ta' ordni ta' l-Ewwel Qorti tat-30 ta' Gunju 2015, l-Ewwel Qorti hatret l-Assistant Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia sabiex jibda jisma' l-provi tal-partijiet b'mod alternat. Di fatti l-provi bdew jimxu b'mod regolari minn dak in-nhar.

4. Illi ghalhekk mis-sena 2015 il-quddiem, il-partijiet bdew b'mod alternat ittellghu l-provi l-ewwel quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia, u wara li huwa rtira l-provi komplew jinstemghu quddiem l-Assistent Gudizzjarja Dr Marita Tabone. Entrambi l-partijiet tellghu diversi xhieda quddiem iz-zewgt Assistenti Gudizzjarju, ghamlu diversi affidavits u ghamlu ukoll kontro-ezamijiet ukoll. Illi kull parti kienet fil-liberta' li taghzel liema xhieda ttella' u l-ebda Assistent Gudizzjarju u lanqas l-Ewwel Qorti ma zammet lil xi parti milli ttella' l-provi taghha jew taghmel il-kontro-ezamijiet li hija xtaqet taghmel.

5. Ir-rikorrenti jiba' billi jallega illi l-kontro-ezami ta' Lauraine Agius kien qieghed issir quddiem l-Ewwel Qorti u mhux quddiem l-Assistant Gudizzjarju minhabba diffikultajiet ta' Lauraine Agius sabiex twiegeb il-mistoqisjiet interposta lilha. Din l-allegazzjoni hija inveritiera. Il-verita' hija li l-kontro-ezami ta' Lauraine Agius beda quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dr Marita Tabone fit-28 ta' Marzu 2018 izda ma setax jitkompla ghax id-domandi interposti lilha bdew jiehdu xejra differenti li ma ssib l-ebda konfort procuderalment u dana ghaliex ma kienux domandi ghall-ebda xhieda li hija tat. Illi hemmhekk ir-rikorrenti iddecieda minn rajh iwaqqaf il-kontro-ezami ta' Lauraine Agius u jitlob li tali kontro-ezami jsir quddiem l-Ewwel Qorti stess. Illi ma kien hemm l-ebda oggezzjoni ghal dina t-talba u di fatti l-kontro-ezamijiet taz-zewgt partijiet sehhew quddiem l-Ewwel Qorti. Illi ghalhekk il-kontro-ezami ta' Lauraine Agius kompla quddiem l-Ewwel Qorti fit-18 ta' Jannar 2019 liema kontro-ezami ma spiccax u tkompla ghal darb'ohra quddiem l-Ewwel Qorti fit-23 ta' Jannar 2020. Illi ghalhekk ir-rikorrenti mhux qieghed ikun korrett meta jghid illi huwa ma kellux cans iwettaq il-kontro-ezami ta' Lauraine Agius – dana l-kontro-ezami beda fit-28 ta' Marzu 2018 u tkompla fit-18 ta' Jannar 2019 u fit-23 ta' Jannar 2020! Illi sentejn sabiex jibda u jispicca kontro-ezami huwa iktar minn hin sufficjenti.

6. Illi l-kontro-ezami ta' Lauraine Agius fit-tlett darbiet, d-domandi huma l-istes jew jircikolaw fuq l-istess mertu. Il-verita' hija li l-Ewwel Qorti ma qabdietx u ghalqet il-provi minhabba l-agir ta' l-avukati difensuri tal-partijiet. Ir-rikorrenti qieghed jipprova jfixkel zewg affarijiet ma' xulxin sabiex jipprova jghati x'jifhem li l-Ewwel Qorti qabdet u ghalqet il-provi minhabba l-avukati difensuri. Illi dan mhux minnu. L-agir ta' l-avukati kien illi bdew jitkellmu fuq xulxin u fuq l-Ewwel Qorti. Izda l-Ewwel Qorti ghalqet il-provi tar-rikorrenti ghax mid-domandi tal-kontro-ezami rrizulta illi r-rikorrenti baqa' ostinament jdur u jdur fuq l-istess mertu qishu qieghed jistenna xi risposti differenti. Illi ovvjament il-Qorti wara li rat li r-rikorrenti qieghed issaqsi u jsaqsi l-istess erba' domandi, l-Ewwel Qorti gustament qalet, "Il-Qorti wara li rat l-atti, tiddikjara l-provi tal-partijiet maghluqa."

7. Illi importanti jinghad ukoll illi mit-28 ta' Marzu 2018 il-quddiem, ghajr ghal kontro-ezamijiet ta' Lauraine Agius, ir-rikorrenti ghazel li ma jtella' l-ebda provi ohra, la viva voce u lanqas tramite affidavits u lanqas ma jaghmel xi kontro-ezamijiet ohra. Illi tajjeb li jinghad ukoll illi dika kienet ghazla purament tieghu u ma kien hemm l-ebda ordni li impeditu milli f'dak is-sentejn bejn it-28 ta' Marzu 2018 sat-23 ta' Jannar 2020 jtella' provi ohra jew jghamel xi kontro-ezamijiet. Illi ghalhekk fl-isfond ta' dan kollu, u cioe' illi l-kontro-ezami ta' Lauraine Agius dam sentejn ghaddej u r-rikorrenti ghazel li ma' jtella' l-ebda prova mit-28 ta' Marzu 2018 il-quddiem, l-Ewwel Qorti kienet kompletament u pienament gusta meta ghalqet il-provi. Di fatti l-Ewwel Qorti iggustifikat l-gheluq tal-provi billi iddikjarat "…wara li rat l-atti…". Illi ovvjament mill-atti jirrizulta carament illi r-rikorrenti ma kellu l-ebda provi ohra u l-kontro-ezami kien ilu li gie ezawriet u ghalhekk l-Ewwel Qorti ghalqet il-provi.

8. Illi tajjeb li jinghad illi r-rikorrenti huwa tip ta' persuna li l-intenzjoni tieghu huwa li jqatta' hajjtu u konsegwentament hajjet l-eccipjenti l-Qorti. Illi tajjeb li jinghad illi wara li nghataw is-sentenzi fil-15 ta' Gunju 2021, ir-rikorrenti ha l-ligi b'idejh u b'*raggion fattasi* huwa beda jzomm lit-tifel minuri ikar mill-access li huwa ghandu u dana b'detriment ghall-eccipjenti u l-minuri, tant hu hekk illi l-eccipjenti kellha tintavola rikors propju fuq dan il-punt. L-ghan tieghu huwa li jaghmel hajjet l-eccipjenti mizerja billi jabbuza bil-process gudizzjarju. Illi dan jidher car mhux biss mill-fatt li ripetitutivament huwa qieghed jikser digriet ta' l-access wiehed wara l-iehor billi jzomm it-tifel sa x'hin jidirhlu u jfettillu hu, izda ukoll mill-emails malfamanti u abbuzi lil terzi persuni fuq l-eccipjenti.

9. Illi kif gustament qal l-Avukat ta' l-Istat fir-risposta tieghu u minn hawn l-eccipjenti qeghda taghmel taghha l-argumenti u l-eccezzjonijiet kollha imposti fir-risposta ta' l-Avukat ta' l-Istat, ir-rikorrenti ma ezawriex il-*legal remedies* offruti lilu qabel ma intavola dana r-rikors. Illi jekk huwa hassu urtat mid-decizjoni tat-23 ta' Jannar 2020 huwa kellu rimedji ohra. Illi di fatti kif diga' inghad iktar il-fuq hemm appell li ghadu sub-judice propju propju fuq dan il-punt li huwa mertu ta' wiehed mill-aggravji tar-rikorrenti. Illi ghalhekk ir-rikors odjen huwa intempestiv u ghandu jigi michud fuq dan il-fatt.

10. Illi r-rikorrenti jilmenta fuq ir-rikors li hija ghamlet wara li binha informa lill-eccipjenti li r-rikorrenti iddecieda jraqqad lil ibnu gharwien huta u l-istess minuri kien qam meta hass lil missieru jigbed spaga mill-parti tieghu. Illi l-eccipjenti kienet ghamlet rikors fuq dan l-incident u kien hemm inkjesta magisterjali ukoll. Illi anka fuq dan il-punt ir-rikorrenti mhux qieghed ikun leali mal-Qorti. Huwa qieghed jghid illi huwa ma kellux cans jirribatti dak li qalet l-eccipjenti fuq dan il-punt. Tajjeb wiehed jara li fuq dan l-incident kien hemm diversi rikorsi u risposti intavolati mill-partijiet. Ir-rikorrenti bhall-eccipjenti dejjem inghatalu c-cans li jintavola rikorsi u jwiegeb permezz tar-risposti. Illi sahansitra anka kopja ta' l-inkjesta magisterjali giet inserita fil-process! Illi ghalhekk l-argument tieghu li huwa ma nghatax cans iwiegeb ghal dana l-incident huwa fattwalment skorrett kif juri l-process fih innifsu. Apparti l-fatt li r-rikorrenti jidher li ma qrax l-ezitu ta' l-Inkjesta Magisterjali fejn kien hemm miktub li kemm l-eccipjenti kif ukoll il-minuri kienu qeghdin jghidu l-verita' fuq l-incidenti u gie rrakkomandat sabiex ir-rikorrenti jiehu terapija sabiex jaghraf kif jixtieq jorqod il-minuri. Illi ghalhekk hija gidba totali illi r-rikorrenti ma kellux cans jiddefendi lilu nnifsu. Biss biss wiehed jista' jara l-process u jara r-rikorsi u r-risposti li gew intavolati fuq dan l-incident.

11. Illi jidher car illi d-dritt tas-smiegh xieraq tar-rikorrenti ma giex lez fl-ebda mument u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom ukoll jigu michuda fuq dan l-isfond.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti u dokumenti kollha fi-proċedura.

Qrat u semgħet ix-xhieda tal-persuni mressqa fil-perkors ta' din il-proċedura.

Rat li r-rikors tħalla' għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Il-partijiet għandhom diversi kawżi kontra xulxin quddiem il-Qorti (sezzjoni tal-Familja) li kienu qegħdin jinstemgħu quddiem l-istess Imħallef. Dawn iż-żewġ Kawżi huma mixjin flimkien.

Jidher li meta l-kawża kienet qed tinstema' quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, l-intimata kienet qed tagħmilha xi daqxejn diffiċli biex tixhed in kontro-eżami. Jidher li minħabba f'hekk ix-xhieda bdiet tinstema' quddiem l-Imħallef.

Fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2020 il-Qorti sabet lill-Avukati ħatja ta' disprezz minħabba l-aġir tagħhom u filwaqt li mmultathom mitt ewro (€100) għalqet il-provi tal-partijiet (a' fol 7).

Ir-rikorrent qiegħed jgħid li b'dan id-digriet ġew leżi d-drittijiet tiegħu ta' smiegħ xieraq għaliex ġie mċaħħad milli jagħmel il-kontro eżami ta' diversi xhieda u anke milli jressaq provi oħra li kellu.

**Punti ta' Liġi**

Dan huwa rikors dwar ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem kif imħarsa mill-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament. Ir-rikorrent qiegħed jilmenta li bid-digriet tal-Qorti tat-23 ta' Jannar 2020, partikolarment tilef id-dritt tal-kontroeżami, huwa ma ingħatax smiegħ xieraq.

**Konsiderazzjonijiet**

Jibda biex jingħad li l-ewwel fost l-eċċezzjonijiet tal-intimati hija dik li r-rikorrent m'għamlix użu mir-rimedji ordinarji qabel m'għamel ir-rikors għal din il-proċedura. Għalhekk il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat lilha mogħtija ai termini tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u 4(2)

tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta rispettivament. Dan qiegħed jingħad ukoll fid-dawl tar-rikors tal-appell preżentant fl-atti tal-Kawża fl-ismijiet Alexie Zammit Douglas -vs- Lauraine Aguis Rikors numru 113/2015 fil-5 ta' Lulju 2021. Ir-rikors li għandha quddiemha din il-Qorti ġie preżentat fl-14 ta' Ġunju 2021.

Huwa minnu li fir-rikors tal-appell imsemmi r-rikorrent fost talbiet oħra talab hekk:

"… *tirrevoka d-digriet datat 13 ta' Jannar 2020 u kwindi tordna li l-atti tal-kawża jiġu rimessi quddiem l-Ewwel Qorti (kif diversament preseduta) u dan sabiex l-istess Onorabbli Qorti tkompli tisma' u eventwalment tiddeċiedi l-Kawża odjerna".*

Kif jirriżulta mis-Sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-13 ta' Ottubru 2022, ġiet miċħuda din it-talba li fir-rigward tad-dritt tal-kontroeżami qalet hekk:

"*Madankollu dan ma jistax jingħad fir-rigward tal-kontroeżamijiet tal-affidavits tal-ġenituri Felix u Veneranda Aguis u ta' oħtha Annalisa Abela. Provi li tressqu fi stadju meta l-provi kienu bdew jinġabru quddiem il-Qorti. L-istess jingħad dwar l-affidavit ulterjuri li preżentat l-attriċi fis-seduta tat-23 ta' Ġunju 2019. Minħabba dak li ġara fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2020, il-kovenut ma kellux opportunita' li jirribatti dak li ntqal minn dawk ix-xhieda u l-anqas li jagħmel kontro-eżami ta' dawk ix-xhieda. Dak li xhedu Felix u Veneranda Aguis u Annalisa Abela hu prinċipalment dwar relazzjoni ta' bejn il-partijiet. Il-Qorti hi tal-fehma li dan il-każ m'għandux*

*ikompli jitwal, u dan ukoll fl-interess tat-tifel li f'Diċembru ta' din is-sena jagħlaq għaxar snin. Meta nfetħu l-kawżi t-tifel kien għad għandu sentejn. Din il-Kawża mijhiex kawża ta' separazzjoni fejn il-Qorti trid tistabilixxi l-ħtija ta' xi parti, iżda dwar kura u kustodja, manteniment u aċċess għat-tifel. Relazzjoni li ilha li spiċċat minn Marzu 2014. Matul dawn is-snin kollha kull parti tat il-verżjoni tagħha u kellha l-oportunita' li tagħmel is-suġġerimenti kollha għal dak li jolqot lit-tifel.*

*Fiċ-ċirkostanzi wara li l-Qorti rat l-atti kollha u minn fejn jirriżulta li kull parti kemm -il darba tat il-verżjoni tagħha tal-fatti, ma ħiex tal-fehma li kien hemm ksur tal-jedd ta' smiegħ xieraq tal-partijiet b'dak li ġara fit-23 ta' Jannar 2020*."

Irid l-ewwel ikun puntwalizzat is-segwenti:

1. Fis-seduta tas-7 ta' April 2016 ressaq lil Olimpia Zammit.

2. Preżenta l-affidavit tiegħu oltre dokumenti (a' fol 94 Rik 113/15).

3. Fis-27 ta' Mejju 2016 ressaq lil Charmaine Scicluna u lil Christopher Scicluna u lil Christopher Cousin (a' fol 147 Rik 133/2015).

4. Fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2018, ħarrek quddiem l-Assistent Ġudizzjarju lil Emil Vassallo (a' fol 246 Rik 133/2015).

5. Fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2019 ħarrek lill-Lauraine Aguis in kontro-eżami

6. Fid-23 ta' Jannar 2020 kien beda l-kontro eżami tal-imsemmija Lauraine Agius (a' fol 464 Rik 113/2015).

Minn dawn is-seduti jirriżulta li ma hux għal kollox minnu li r-rikorrent ġie mċaħħad milli jressaq il-provi tiegħu u dan anke fi-dawl li iż-żewġ Kawżi huma mexjin flimkien.

Il-Qorti tal-Appell, filwaqt li bħal donnha tibda biex turi l-preokupazzjoni tagħha li r-rikorrent ġie imċaħħad milli jaġħmel il-kontroeżamijiet, xorta spiċċat iġġustifikat l-għeluq ta' kull prova tar-rikorrent, peress li skond hi ma hemmx fin-nofs xi deċiżjoni dwar ħtija o meno u li l-kawża kienet twalet wisq. Tul, fost affarijiet oħra għaliex din il-Kawża għaddiet minn numru ta' idejn ta' Imħallfin. Ċirkostanza li ebda waħda mill-partijiet ma taħti għaliha.

Din il-Qorti tfakkar, li l-għeluq tal-provi tar-rikorrent ma kienx dovut għall-fatt li naqas li jressaq il-provi tiegħu, iżda minħabba l-aġir xejn ċivili tal-avukati tal-partijiet, li għalkemm qatt m'għandu jkun fl-istess ħin ma hiex xi ħaġa insolita għal dawn il-Qrati. Il-Qorti għamlet sewwa li mmultat lill-Avukati iżda min-naħa l-oħra ma taqbel xejn bil-mod kif immedjatament wara għalqet il-provi tal-partijiet.

Lanqas ma huwa l-każ, li dak li jkun jiġi miżmum ħesrem milli jkompli jressaq il-provi tiegħu u partikularment jitwaqqaf milli jagħmel kontro-eżami tax-xhieda tal-partijiet l-oħra. Il-minimu li għandu jsir hu, li qabel l-għeluq definittiv tal-provi jingħata preavviż li dawn iridu jiġu mressqa

f'seduta waħda jew tant seduti bl-intiża ċara li wara dawn is-seduti l-provi tal-partijiet ser ikunu magħluqa. Veru li l-Kawża damet, iżda dan ma jfissirx li parti għandha tkun maħsuda u soprafatta bil-mod li ġara meta s-seduta ma kinitx imħollija għalhekk.

L-Istitut tal-kontroeżami ħadnih mill-dritt Ingliż. Bħala regola, Art 579 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li l-parti kuntrarja tista' tagħmel kontro-eżami lix-xhud u f'dan il-kontroeżami tista' tagħmel mistoqsijiet diretti jew mistoqsijiet biss dwar il-fatti li fuqhom ikun xehed fl-eżami, jew fuq ħwejjeġ li jistgħu jwaqqgħu l-kredibiltà tax-xiehda tagħha. Dan qiegħed jingħad għaliex meta r-rikorrent għamel rikors biex il-Qorti tirrikonsidra d-digriet tagħha tat-23 ta' Jannar 2020 hu talab jingħata l-opportunita' biex jikkontroeżamina lix-xhieda tal-intimata għaliex ried iwaqqa' il-kredibilita' tagħha u dan anke fid-dawl tar-retiċenza tagħha li tixhed quddiem l-Assitent Ġudizzjarju (a' fol 472 Rik 113/2015).

Id-dritt tal-kontroeżami huwa element intrinsiku tal-ġustizzja naturali u tal-parita' ta' armi fil-produzzjoni ta' xhieda. Din il-Qorti tagħmiha ċara, li ma tikkondividi xejn l-osservazzjoni li għamlet il-Qorti tal-Appell fuq imsemmija, li dan il-prinċipju jista' jiġi sagrifikat fuq l-artal tal-ispeditezza biex jiġi evitat id-dewmien jew għal xi raġuni oħra li ma tiddependix mill-parti li tkun qed titlob li teżerċita dan id-dritt.

Ir-rikorrent ried jiskredita x-xhieda tal-familjari tal-intimata għalkemm jekk jirnexxilux dik hi ħaġa oħra. Il-Qorti tfakkar, li fil-Kawża ta' bejn il-partijiet

hemm attrit kbir li saħansitra, waslu għall-akkużi gravi di fronte tar-rikorrent li rriżultaw ma humiex prima facie minnhom, tant li dik il-Qorti irrentigratlu d-drittijiet tiegħu fir-rigward tat-tifel li kienu ttiħdulu.

Fir-rigward tad-dritt tal-kontroeżami, Lord Denning, bħala Master of the Rolls, kien qal fil-kawża "**R vs Gaming Board for Great Britain ex p. Benaim et", deċiża mill-Queen's Bench fl-1970** li *"it is not possible to lay down rigid rules as to when the principles of natural justice are to apply: nor as to their scope and extent. Everything depends on tħe subject matter"*. Pero', bħala minimu, kif qal l-istess Lord Denning, din id-darba fil-House of Lords fil-kawża **Kanada vs Government of Malaya, deċiża fl-1962**, "*He must know what evidence has been given and what statements have been made effecting him: and then he must be given a fair opportunity to correct or contradict them"*. Proprju dak li jrid jipprova r-rikorrent f'dan ir-rikors. Il-fatt li jinsisti jidher lill-Qorti li b'dan il-kontroeżami xorta mhux ser jirnexxilu, ma jiġġistifukax li jittieħidlu d-dritt tal-kontroeżami, għaliex ħadd daqs il-parti ma huwa pposizzjonat tajjeb biżejjed biex japprezza dan id-dritt għaliex dak li jista' jkun jidher daqshekk ovvju jista' jirriżulta li mhux il-każ. Di fatti intqal li "*It is for the parties to a dispute alone to decide whether a document produced by the other party or evidence given by witnesses calls for their comments"* (Ara **Nideröst-Huber v. Switzerland, § 29; Pellegrini v. Italy, § 45**).

L-awturi **Wade & Forsyth, fil-ktieb "Administrative Law" (Oxford University Press, 7th Edit.) f'paġna 538** jgħidu li, "*when an oral hearing is given, it has been laid down that a tribunal must (a) consider all relevant evidence which a party wishes to submit; (b) inform every party of all the evidence to be taken into account, whether derived from another party or independently: (c) allow witnesses to be questioned; (d) allow comment on the evidence and argument on the whole case. Failure to allow the last two rights, <u>which include the right of cross-examination</u>, has led to the quashing of punishments awarded by prison visitors in a series of cases*". (Emfażi tal-Qorti). Dan il-prinċipju ġie enunċjat ukoll mill-**awtur S.A. de Smith (op. cit. Pag. 571)**, meta jirrimarka li: *"Normally a party must not be prevented from cross-examining witnesses on the other side; but there is no riġid duty imposed by the common law to call every witness (provided that relevant evidence tendered is in fact disclosed for comment)"* L-istess ġurista fil-ktieb "**Judical Review of Administrative Action" (Stevens & Sons publishers, 2nd Edit)** ikompli jirrimarka fuq il-prinċipju, li bħala regola, ċaħda ta' kontro-eżami jkun ifisser vjolazzjoni ta' ġustizzja naturali, u jwissi **(f'paġna 200)** li, *"seldom can such a refusal be justified if a witness has testified orally and a party requests leave to confront and cross-examine him"*. L-awturi **Wade & Forsyth jgħidu (op. cit. Pag. 539)** li wieħed jista jtellef mid-dritt ta' kontro-eżami f'każ ta' "*many administrative proceedings in which formal testimony and cross-*

*examination are inappropriate, the inquiry being informal*" – żgur, allura, mħux fil-każ ta' proċeduri formali quddiem il-Qorti.

Fil-ġurisprudenza lokali ntqal li d-dritt tas-smiegħ mogħti liż-żewġ partijiet f'kawża irid jingħata fit-termini tar-regoli tal-liġijiet proċedurali (Ara **Sentenza fl-ismijiet Farrugia vs Wismayer, deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Ġunju, 1997**). Mhux nuqqas ta' Qorti li tgħaddi għas-sentenza meta l-konvenut wera non-kuranza u ma deherx biex iressaq il-provi (Ara **Sentenza fl-ismijiet Falzon -vs- Debono, deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Jannar, 1975**) u dik (**fl-ismijiet Pantelleresco vs Starbrite Cleaners, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Sede Inferjuri, fit-12 ta' Mejju, 2003**).

Il-prinċipju ta' '*audi alteram partem'* ma jfissirx bilfors li l-provi tal-konvenut iridu jinstemgħu, iżda li jkollu l-opportunita' li jressaq il-provi – (Ara **Sentenza fl-ismijiet Camilleri noe -vs- Players' Coaches Complaints Board tal-Malta Football Association, deċiża fit-23 ta' Novembru, 2001**).

Fis-**Sentenza fl-ismijiet Power Projects Ltd -vs- Agius, deċiża minn din il-Qorti fis-16 ta' Ġunju, 2003**, intqal li "*Ikun hemm ksur tal-prinċipju ta' 'audi alteram partem' jekk jew il-parti ma tkunx ingħatat l-opportunita' tressaq il-provi tagħha, jew fejn ix-*xhieda *mogħtija minn parti waħda ma tkunx setgħet tiġi kontrollata mill-parti l-oħra minħabba nuqqas ta' opportunita'*" (Emfażi tal-Qorti u ara wkoll **Sentenza tal-Qorti**

**Kostituzzjonali fl-ismijiet Misrahi vs Cassar, deċiża fl-10 ta' Ġunju, 1966**). Li persuna jingħata l-opportunita' li jressaq ix-xhieda tiegħu loġikament jinkludi d-dritt li jikkontroeżamina x-xhieda li ressqet il-parti kuntrarja.

Id-dritt tas-smiegħ xieraq hu konċess fit-termini tar-regoli tal-liġijiet proċedurali, u jekk dawn jiġu injorati mill-parti, għal xi nuqqas '*imputat sibi',* mhux skuża li parti ma użu fruwietx mill-opportunitajiet mogħtija lilha għax per eżempju qabżilha differiment jew li mxiet mal-parir tal-avukat. Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti r-rikorrent mhux biss kien qed jieħu kura tal-kawża iżda talli espressament ried li jagħmel il-kontroeżami u l-Qorti f'mument ta' esasperazzjoni, li din il-Qorti ma teskludiex li kienet ġustifikata, ċaħditlu d-dritt tal-kontroeżami.

Issa m'għandu jkun hemm ebda dubbju li s-sistema tagħna hija dik magħrufa bħala "*adverserial system*" li permezz tagħha l-partijiet huma f'parita' biex irressqu u jikkonduċu l-provi tagħhom. Dan jimplika prinċipji bħal dak tal-kontroeżami, u kif diġa' rilevat, ma jistgħux ikunu dispensati mill-Qorti minħabba skopjiet fost oħrajn ta' ċelerita' proċedurali. Di fatti inqal li "*The desire to save time and expedite the proceedings does not justify disregarding such a fundamental principle as the right to adversarial proceedings* (Ara **Nideröst-Huber v. Switzerland, § 30**). Issa l-Qorti tal-Appell fost il-konsiderazzjonijiet li għamlet biex ċaħdet id-dritt

tal-kontroeżami lir-rikorrent irraġunat li għaliex "*Il-Qorti hi tal-fehma li dan il-każ m'għandux ikompli jitwal".*

Huwa minnu wkoll li l-Kawża ma kinitx waħda ta' separazzjoni allura ma kienx hemm lok ta' ħtija. Imma għall-partijiet, id-drittijiet ta' kull waħda minnhom fir-rigward tal-minuri għandu importanza madornali għalihom u għal ħajjithom, kif jixħdu l-proċeduri tul il-kawżi. Għalhekk, il-fatt li mhux bilfors hemm dikjarazzjoni ta' ħtija ma jiffissirx li dawn il-prinċipji huma anqas jew ma humiex importanti daqshekk jew li jistgħu jiġu mwarrba. Id-dritt ta' smiegħ xieraq ma jiddependiex mix-xorta tal-kwistjoni, iżda huwa dritt fundamentali inaljenabbli u bil-kema inaljenabbilta' din il-Qorti tifhem, li dan huwa dritt li ma jistax ikun imwarrab, kif fil-fatt għamlu kemm il-Qorti fil-Prim Istanza u kif ukoll fl-Appell.

Għalhekk din il-Qorti temmen, li fit-23 ta' Jannar 2020 il-Qorti fil-Kawża fl-ismijiet Alexei Zammit Douglas -vs- Lauraine Aguis Rikors numru 113/2015 iddikjarat il-provi tal-partijiet magħluqa, b'dana li r-rikorrent ġie imċaħħad mid-dritt tal-kontroeżami ġew leżi d-drittijiet tal-istess rikorrent kif imħarsa mill-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament.

Il-Qorti di piu' tinsab dispuntata, kif il-Qorti tal-Appell baqgħet għaddejja bil-proċeduri sakemm ingħatat Sentenza fil-mori ta' dawn il-proċeduri biex għalhekk il-posizzjoni tal-partijiet ta' dawn il-proċeduri ikkumplikat ruħha. Għalhekk l-uniku rimedju li tista' tagħti huwa dak ta' kumpens.

Il-Qorti ma jidhrilix li issa għandha tiddisturba s-Sentenzi inkwistjoni minħabba l-interessi tat-tifel minuri, li m'għandux jibqa' espost għall-kontinwazzjoni ta' litiġji bejn il-ġenituri tiegħu. Il-Qorti tfakkar, li t-tieni talba saret meta ma kienx għad hemm is-Sentenza tal-Qorti tal-Appell.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** rikorrenti.

**Tilqa' it-tieni talba** rikorrenti limitatament fid-dawl tal-osservazzjoni magħmula hawn fuq, billi tillikwida kumpens non pekunjarju favur ir-rikorrent fl-ammont ta' sebgħat elef ewro (€7000) u tordna lill-Avukat tal-Istat iħallas dan l-ammont lir-rikorrent bl-imgħaxijiet legali minn xahar minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Il-Kjamata in Kawża qed tkun illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

Spejjes ta' din il-proċedura a' karigu tal-Avukat tal-Istat.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**